MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 147/2003

**Pace Associates Limited**

**vs**

**Drawing Techniques Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fis-7 ta' Marzu, 2003, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas is-somma ta' Lm4,320 (erbat elef, tlitt mija u ghoxrin lira Maltin) liema somma tirraprezenta bilanc ghall-kera li ma gietx imhallsa mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghall-perjodu ta' tnejn u sebghin (72) gimgha, bir-rata ta' sittin lira Maltin (Lm60) fil-gimgha, ghall-lok mikri lill-istess socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, u dana jirrizulta mill-klawzola numru wiehed ta' l-iskrittura privata, li kopja taghha hi annessa bhala Dok. A;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi s-socjeta' eccipjenti ma hijiex f'posizzjoni li thallas id-djun taghha u ghalhekk sejrin jinbdew l-proceduri mehtiega sabiex s-socjeta' tigi messa f'posizzjoni ta' stralc.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda ta' bil-gurament Mary Louise Grech u rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju, 2003.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Fuq l-iskorta ta' l-ammissjoni kif spjegata fil-verbal imsemmi u peress li jidhrilha li s-socjeta' attrici ghandha ragun, tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------